Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 306 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Charles Camilleri**

**Theresa Debono**

Illum, 29 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Charles Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' numru 412165M u Theresa Debono, detentrici tal-karta tal-identita' numru 273068M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b' diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat;

Fil-kwalita' tieghek ta' Direttur jew Segretarju jew Rapprezentant legali jew manager, tal-kumpannija Anni 90 Limited (C-10648) ta' Factory Sub 001, Qasam Industrijali, San

Gwann, u/jew bhala l-persuna li kont inkarigat mill-istess Kumpanija sabiex thallas il-pagi skont il-ligi:

Inqast li thallas lil impjegata Joanna Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita 356168M, il-paga intera dovuta ghall-perjodu mill-1 ta' Dicembru, 2018 sal-10 ta' Dicembru, 2018 liema nuqqas ta' hlas jammonta ghal €594.50; inqast ukoll li thallas il-bonus statutorju pro-rata dovut ghall-perjodu mill-1 ta' Dicembru, 2018 sal-10 ta' Dicembru 2018 ammontanti ghal €13.80; inqast ukoll li thallas ghal vacation leave akkumulat u mhux utilizzat ammontanti ghal €167.38, liema nuqqas ta' hlasijiet globalment jammontaw ghas-somma ta' seba mija u hamsa u sebghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€775.68).

Ghaldaqstant, il-Qorti giet mitluba bir-rispett tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontrinwat, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallas l-penali skont il-ligi ta' mhux inqas min mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap 452 u cioe illi naqas li jhallas pagi, ghamel tnaqqis illegali, naqas li jhallas xi bonus, zamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li ghandu jithallas minflok in-notice, naqas li jaghti vaganzi bi' hlas, naqas li jaghmel xi pagament dovut lill-impjegat skond il-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jew skond xi Ordni ta' Standard Nazzjonali, Ordni biex jirregola settur jew xi Ordni iehor maghmul taht il-Kap 452 tal-Ligjiet ta' Malta; u ai termini tar-regolament 22 tal-avviz legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avvizi legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012 tal-Ligjiet ta' Malta sabiex ihallas penali ta' mhux inqas min erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), tordna lill-imputat sabiex ihallas lil Joanna

Camilleri (ID 356168M) is-somma ta' seba' mija u hamsa u sebghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€775.68) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll; Artikoli 5, 22(1), 22(2), 23, 25, 36, 45, 46, 47(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; Regolamenti 8(1), 8(4), 8(5) u 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003, hekk kif emendat mill-Avvizi Legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012; Regolament 3 tal-Avviz Legali 112, ta' 1988 hekk kif emendata mill-Avviz Legali 211 ta' 1990, 181 ta' 1993, 273 ta' 1998, 55 ta' 1999 u 427 tal-2007 tal-Ligjiet ta' Malta; Regolamenti; 4 (2) u 6 tal-Avviz Legali 427 tal-2002, hekk kif emendat mill-Avvizi Legali 140 tal-2007, 240 tal-2008 u 117 tal-2010 tal-Ligjiet ta' Malta; L-Avviz Legali 43 tal-1990, hekk kif emendat mill-Avviz Legali 427 tal-2007, 127 tal-2010, 362 tal-2012, 334, 444 tal-2013, 482 tal-2014, 5 tal-2016, 97 u 383 tal-2017;

Sabet lill-imputati hatja skont l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghhom u ikkundannathom, kull wiehed, ghall-penali/multa ta' €400 (erba' mitt ewro).

In oltre ordnatilhom ihallsu lil Joanne Camilleri, fi zmien xahar min meta din il-kawza tghaddi in gudikat, is-somma ta' €775.68 (seba' mija, hamsa u sebghin ewro u tmienja u sittin-il centezmu).

Rat ir-rikors tal-appellanti Charles Camilleri u Theresa Debono minnu pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberahom minn kull ħtija u piena.

**Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej.**

1. Kemm legalment jista' jingħad illi Joanne Camilleri kellha mpieg regolari ? Kif diġà ingħad irriżulta mhux ikkontestat li l-istess Joanne Camilleri fuq formola ddikjarat illi hija l-employer u daret fuq in-naħa tal-mejda u ffirmat bħala

employee. Il-kuntratt ta′ mpieg huwa bilaterali u ma tistax persuna waħda tinqasam fi tnejn u tkun minn naħa l-employer u minn naħa l-employee. Għalhekk l-azzjoni tad-dipartiment hija għal kollox infondata.

2. **Il-kundizzjonijiet tal-impieg.** Jirriżulta manifestament li din l-istess Joanne Camilleri dehrilha kif dehrilha li tagħti lilha nnifisha salarju u liema salarju. Jista′ jkun hemm kuntratt bilaterali b′ dan il-mod? U x′ kienu l-kundizzjonijiet ta′ dan il-ftehim? Naturalment m′ hawn l-ebda regola li ġiet stabbilita u hemm il-qbil bejn l-employer u l-employee.

Huwa veru li hija kienet tkun fil-fabbrika bħala l-mara tż′ żewġha direttur imma ma kienx ifisser li tista′ tiddisponi mill-assi kif jidhrilha.

Hija bdiet tagħti lilha nfisha pagamenti sostanzjali mingħajr ebda kontroll ta′ xejn. Imbagħad tersaq il′ quddiem u tiġi, bil-wiċċ tost kollu tgħid lid-dipartiment kemm tippretendi, d-dipartiment jagħtiha raġun u jmexxu quddiem il-qorti.

Illi hemm diskrepanza bejn dak li allegat u l-fatti wkoll li jirriżultaw. Anke kieku kien hemm ir-regolarita` tal-kuntratt xorta waħda hemm diskrepanza kif fil-kuntratt jingħad u kif xehdet li bdiet f′ Awwissu 2018 imbagħad skont kontijiet li ġew ippreżentati kellha salarju ta′ €1969.63 f′ Lulju tal-2018 meta lanqas hi stess ma kienet qed tippretendi li kienet impjegata. Illi l-ammonti kif bdiet tagħmilhom bdiet iżżidhom a benefiċċju tagħha u tiddikjara u saħansitra lanqas kienet tħallas il-payee fuq l-istess b′ riskju għall-istess kumpanija. Ma kienetx lanqas tħallas in-nofs tagħha u n-nofs tal-kumpanija li suppost kienet qed tmexxi.

3. **Meta kienet it-terminazzjoni "tal-impieg"?** Jidher li l-prova ta' kemm kienet se tibqa' fuq ix-xogħol Joanne Camilleri kien skont kemm se jdum il-partner ġdid tagħha. Kif jirriżulta u kif għandu jirriżulta hija dabbret rasha f' Novembru 2018 u tat handover ta' cash li kellha f' idejha u ma resqitx iżjed lejn il-post tax-xogħol. Għalhekk anke l-allegazzjonijiet oħra li hemm fiċ-ċitazzjoni mhumiex preċiżi u mhux lanqas legali li kellhom jiġu akkolti mill-qorti f' dan il-kas.

Illi għar-raġunijiet premessi ma kien hemm l-ebda bażi legali fuqhiex ikun hemm il-kundanna tal-esponenti u l-piena li ġiet inflitta.

Ikkunsidrat;

Illi in breve il-fatti huma s-segwenti:

1. Charles Camilleri u Theresa Debono gew akkuzati li fil-kwalita' taghhom ta' direttur jew segretarju jew rapprezentant legali jew manager tal-kumpannija Anni 90 Limited naqsu milli jhallsu lil impjegata Joanna Camilleri[1] il-paga intiera dovuta ghal perjodu mill-1 ta' Dicembru 2018 sal-10 ta' Dicembru, 2018, il-bonus statutorju pro-rata ghall-istess perjodu u *vacation leave* akkumulat. Dawn *in toto* skont ic-citazzjoni jammonta ghal seba' mija u hamsa u sebghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€775.68).

2. Illi d-difiza qieghda tallega li Joanna Camilleri agixxiet kemm ta' *employer* kif ukoll ta' *employee* tant li allegatament iffirmat l-engagement form li f'dawn l-atti giet esebita bhala JS6 u li tinsab a fol a fol 75 et sequitur kemm bhala *employer* u *employee*;

3. L-Ewwel Qorti sabet lill-akkuzati hatja u l-akkuzati appellaw minn dik is-sentenza.

---

[1] Fl-atti xi kultant imsejha Joanna Azzopardi u Joanne Camilleri.

Illi l-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom staqsew kemm legalment jista' jinghad li Joanne Camilleri kellha impjieg regolari. Issottomettew li Joanne Camilleri fuq formola ddikjarat li hija l-employer u daret fuq in-naha tal-mejda u ffirmat bhala employee. Jissottomettu li kuntratt ta' impjieg huwa bilaterali u ma tistax persuna wahda tinqasam fi tnejn u tkun minn naha l-employer u minn naha l-employee. Ghalhekk skont l-appellanti l-azzjoni tad-dipartiment hija ghal kollox infondata. Jghidu li Joanne Camilleri dehrilha li taghti lilha nnifisha salarju u liema salarju. Li ghalkemm kienet tkun fil-fabbrika bhala l-mara ta' zewgha direttur imma ma kienx ifisser li tista' tiddisponi mill-assi kif jidhrilha. Issottomettew li bdiet taghti pagamenti sostanzjali minghajr ebda kontroll ta' xejn.

L-istess appellanti ssottomettew li hemm diskrepanza bejn dak li allegat u l-fatti wkoll li jirrizultaw. Li anke kieku kien hemm ir-regolarita' tal-kuntratt xorta wahda hemm diskrepanza kif fil-kuntratt jinghad u kif xehdet li bdiet f'Awwissu 2018 imbaghad skont kontijiet li gewipprezentati kellha salarju ta' €1,969.63 f'Lulju tal-2018 meta lanqas hi stess ma kienet qed tippretendi li kienet impjegata. Dwar dan, din il-Qorti taghmilha cara li fl-atti ma giet pprezentata l-ebda payslip ghal perjodu ta' Lulju tal-2018 ghalkemm Joanna Azzopardi xehdet quddiem din il-Qorti li kienet irceviet paga anke ghax-xahar ta Lulju tal-2018. Filfatt jirrizulta skont Dok JS4 a fol 73 li Joanne Camilleri kienet impjegata bhala Casual Worker ma' din il-kumpannija mill-1 ta' Gunju 2010 u skont it-termination form a fol 74 u mmarkata bhala JS5 dan l-impjieg fuq bazi part time gie terminat fil-31 ta' Lulju 2018 u fejn bhala raguni tnizzel 'CHANGES WITHIN THE SAME ORGANISATION: TRANSFER OF BUSINESS'. Sussegwentement skont fol JS6 a fol 75 et sequitur Joanne Camilleri regghet giet impjegata mill-1 ta' Awissu 2018 u dan bhala manager fuq bazi full time. F'din il-formola gie mmarkat bhala 'Definite Contract' ghalkemm ma tnizzlix sa meta huwa validu dan il-kuntratt definit.

L-appellanti ssottomettew li l-ammonti kif bdiet taghmilha bdiet izzidhom a beneficcju taghha u tiddikjara u sahansitra lanqas kienet thallas il-payee fuq l-istess b'riskju ghall-

istess kumpanija. Skont dak sottomess fir-rikors tal-appell, ma kienetx lanqas thallas in-nofs taghha u n-nofs tal-kumpanija li suppost kienet qed tmexxi.

L-appellanti jistaqsu ukoll meta kienet it-terminazzjoni tal-impjieg. Li l-prova ta' kemm kienet se tibqa' fuq ix-xoghol Joanne Camilleri kien skont kemm se jdum il-partner il-gdid taghha. Jissottomettu li dabbret rasha f'Novembru 2018 u tat handover ta' cash li kellha f'idejha u ma resqitx izjed lejn il-post tax-xoghol. Li anke l-allegazzjonijiet ohra li hemm fic-citazzjoni mhumiex precizi u mhux lanqas legali li kellhom jigu akkolti mill-Qorti f'dan il-kaz.

Fir-rikors tal-appell jissottomettu ukoll li Joanne Camilleri seta' kellha pretenzjoni ghal servigi rezi minnha u dan b'mod civili u mhux b'azzjoni kriminali u taht il-ligi tal-impjegat. Jaghmlu ukoll referenza ghad-definizzjoni ta' impjegat u jissottomettu li Joanne Camilleri ma kienet tahdem taht hadd, li aktar tidher li kienet kaz ta' 'self-employed'.

Quddiem l-Ewwel Qorti fl- 4 ta' Novembru 2019 xehdu **Joanna Camilleri** li esebiet Dok. D, **Mary Grace Calleja** li esebiet minn Dok MC sa Dok MC3, **Joseph Saliba** li esebixxa Dok JS u l-**PL Quinton Tanti**. Ix-xhieda taghhom ma gietx traskritta u ghalhekk uhud minn dawn ix-xhieda regghu xehdu quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Joanna Azzopardi** li qabel kien kunjomha Camilleri xehdet fl- 14 ta' Lulju 2020. Spjegat li kellha l-ahhar paga x'tiehu. Ikkonfermat li kienet tahdem maghhom. Qalet li '*prattikament kont miżżewġa lil Charles Camilleri u fi x'hin isseparajt tlaqt minn hemm ovvja mhux ser nibqa' noqgħod hemm u l-aħħar paga ma tawilijx.*' Tahseb li ta' Dicembru 2018 ma haditx paga. Ma tahiex la vacation leave u lanqas bonus. Xehdet li '*mingħalija jekk kien hemm xi 3 days jew 4 days vacation leave u ma ħadthomx lanqas bħala flus.*' Minghaliha hadmet l-ahhar fis-7 ta' Dicembru.

In kontro-ezami qalet li l-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat f'Jannar 2019. Mistoqsija fejn kien ikun qabel ir-ragel wiegbet li Dubai. Mistoqsija jekk nizlet lilha nnifisha bhala impjegata tal-kumpanija wiegbet '*Jiena kont il-company secretary tal-kumpanija u kont*

*nirriplejsja lilu waqt li ma jkunx hemm hu u kont nieħu ħsieb kollox. Kont nagħmilha ta' segretarja, purchasing, HR kollox. Min irid jagħmilha l-formula li qed naħdem ...'* Mistoqsija min iffissa l-paga taghha wiegbet '*Jiena.*' Qalet '*La ħadd ma kien hemm min jieħu ħsieb, mhux jiena rrid niffissaha.*' Qalet li '*għamilt kemm ili kont miżżewġa 25 sena ma ħadt xejn ...*' Il-paga bdiet tiehodha minn xi Lulju 2018. Kienet tiehu paga u dejjem l-istess paga. Mistoqsija jekk kienx jghidilha li l-paga wisq jew mhux tajba wiegbet '*Le qatt ma qalli xejn. Ir-raġuni li bdejt neħoda hija li jiena kelli d-dar, id-dar inbiegħet biex jitħallsu d-dejn tal-kumpanija u jiena kelli nibda' nikri. Biex nibda nikri bilfors kelli nieħu paga ma jistax ikun ...*' Ikkonfermat li infurmathom li qed tiehu paga. Infurmat lil CFO Envid Debono li ha tibda tiehu paga ghax trid thallas il-kera. Spjegat '*x'tippretendu li jiena qed nikri dar, id-dar tiegħi inbiegħet biex tħallas id-dejn tal-kumpanija stess, jiena rrid nikri, kelli tifla miegħi toqgħod dak iż-żmien it-tifla tiegħu stess jiġifieri ta' 20 sena ... immur noqgħod barra?*' Mistoqsija ghamlitx claim b'xi ittra lil kumpanija minhabba s-sitwazzjoni taghha li semmiet, wiegbet li ittra bil-miktub le izda xi email batitilhom. Mistoqsija dwar qabel l-2018 minhabba li r-ragel kien imsiefer u r-relazzjoni kienet tajba jekk kellhomx dan l-arrangament wiegbet '*le ma kienx hemm arranġment għax dak iż-żmien ma kellix bżonn paga għax kont tajba, imma meta jiena nbiegħet id-dar u ridt immur nikri, jekk trid inġiblek il-kuntratt tad-dar u ngħidlek minn meta bdejt nieħu l-paga biex jiena jkolli l-flus biex nikri u ngħix.*'

**Mary Grace Calleja** li tahdem bhala Spettur mad-Department of Industrial Employment xehdet fl- 14 ta' Lulju 2020. Xehdet li '*Joanne Camilleri kienet taħdem ma' Anni 90 Ltd. Bejn l-1 t'Awissu 2018 u 17 ta' Diċembru 2018 bħala full time Manager sakemm tat ir-reżenja tagħha. Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2019. Ms Camilleri avviċinat lid-DIR sabiex tikklejmja l-paga ta' Diċembru sal-aħħar ġurnata li ħadmet, prorata tal-bonus ta' Diċembru kif ukoll bilanċ ta' vacation leave. It-total ta' dak li qed jiġi klejmat huwa ta' sebgħa mitt Ewro u ħamsa u sebgħin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu. Dan huwa evidenti fl-statement of account li ffirmat il-claimant kif ukoll il-workings. Kuntratt qatt ma ingħatat pero' mill-payslips provduti minnha r-riżulta li kienet titħallas proorata tal-bonuses kull xahar filfatt kien ikollha Euro 42.71 ma kull paga u paga bażika kellha Euro 1,500 kif ukoll xi allowances. Hija*

*klejmjat ukoll il-vacation leave kif għedt qabel u għalhekk nista' nippreżenta żewġ dokumenti li juru kif inħadmet is-somma.'* Giet murija dokument li kkonfermat li huma huma.

Spjegat li '*Id-Dipartiment kien bagħat claim letters lil kumpanija fil-11 ta' Frar, is-26 ta' Frar kif ukoll fil-5 ta' Marzu pero' l-kumpanija qatt ma wieġbet lura, imbagħad f'email li ntbgħatet minn Dr. Joseph Brincat f'April, huwa qal li s- Sinjura Camilleri li kellha tirritorna lura kompjuter li ħadet illegalment u jaraw min għandi x'jieħu u min għandu x'jagħti. B'risposta għal dan Ms. Camilleri kienet qalet li l-kompjuter kien tagħha personali għax il-kumpanija qatt ma kienet tagħta kompjuter biex taħdem. Il-kumpanija kienet ukoll mitluba mid-DIR tipprovdi proof of payment tal-pagi ta' Diċembru pero' dan qatt ma' ġie mogħti lid-Dipartiment u wara kellna nipproċedu legalment.*' Ma kienx hemm raguni ghaliex ma hemmx kuntratt. Spjegat li skont id-dokumenti li ghandhom u li pprezentat hi stess tal-Jobsplus tidher impjegata bhala Manager. Mistoqsija minn iffirma wiegbet li kull ma ghandha l-employment history li provdiet id-dipartiment.

**Joseph Saliba** xehed fl- 14 ta' Lulju 2020 fejn ikkonferma l-employment history ta' Joanne Azzopardi. Ikkonferma li kienet qed tahdem ma' Anni 90 bejn Awissu u Dicembru 2018. Xehed li l-obbligu huwa tal-employer li jiffirma biex jimpjegaha. **Joseph Saliba** rega xehed fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn qal li gew mitlubin jipprezentaw il-form li ssottometta l-employer rigward Charles Camilleri li prezenta bhala dokument JS.

**Joseph Saliba**[2] xehed fis- 27 ta' Lulju, 2020 in rapprezentanza tal-Jobs plus fejn prezenta employment history ta' Joanne Azzopardi bhala Dok JS, spjega li kienet impjegata mal-Anni 90 tlett darbiet. L-ewwel wahda datat l-15 ta' Frar 1995. Ghalkemm fit-traskrizzjoni hemm indikat li giet esebita bhala JS 1, din tinsab immarkata bhala JS2. L-ebda dokument ma huwa mmarkat bhala JS 1.

[2] Fid-dokument tat-traskrizzjoni tax-xhieda imnizzel bhala 'Joe Saliba'

It-termination form giet immarkata bhala JS3 mhux JS 2 kif indikat fit-traskrizzjoni. *Employment* iehor datat l-1 ta' Gunju 2010, dokument esebit bhala JS4 mhux JS 3 kif indikat fit-traskrizzjoni u t-*termination* taghha bhala JS5 mhux JS4 kif indikat fit-traskrizzjoni, *re-employment* fl-1 ta' Awissu, dokument li huwa esebit bhala JS6 mhux JS 5 kif indikat fit-traskrizzjoni fejn f'dan id-dokument bhala '*date of commencement*' tnizzel l-1 ta' Awwissu 2018 u termination form giet esebita u mmarkata bhala JS7 mhux JS 6 kif indikat fit-traskizzjoni. It-terminazzjoni skont dan id-dokument hija datata s-7 ta' Dicembru 2018 cioe '07/12/2018'.

Joe Saliba spjega li '*Hemm forms oħrajn li huma sottomessi b'mod eletroniku u ser nippreżenta d-documentation li elevajt mill-IT Department biex nara min fetaħ l-account tal-Anni 90 biss meta għamlu login in minn dan l-account tal-Anni 90 inkun naf min kien għamilha u din kienet Theresa Debono. Theresa Debono fetħet l-account voldiri fejn hemm l-electronic forms kienet hi li għamlet is-submission tagħhom. Ninnota wkoll li form minnhom għamlet nota .. ħa nsibha ppermettili ... form minnhom kienet għamlet nota li peress illi r-raġel mhux qiegħed preżenti l-forms ħa tibgħathom hi qegħda f'waħda mill-forms li preżentajt.*' Gie ipprezentat dokument bhala JS8 dwar dokumenti ta' terminazzjoni prezentati online.

Saret referenza ghad-dokument miktub fuqu 221833/18 bil-bidu ta' impjieg mill- 1 ta' Awissu 2018 bhala Dok JS6 mhux JS5 kif indikat fit-traskrizzjoni, mistoqsi dwar jekk il-firma tal-employer u tal-employee huma tal-istess persuna wiegeb '*Hekk jidru li huma l-istess firma ġa nnutajna iva, jidru li huma tal-istess persuna. Għalhekk semmejt, għadni kemm insemmi ftit qabel li form irreferiet peress li r-raġel mhuwiex ... jekk tippermettili għax ma tantx għandi spazju fejn niftaħ ... mela ... fid-dokument li fuq nett għandu web centre sewwa, għandek nota isfel, wife replacing husband when not here. Voldiri mili jider għamlu dikjarazzjoni li meta r-raġel ma jkunx hemm il-meta qegħda timla' l-forms hi. Milli jider aħna nterpretajih li forms oħrajn jekk r-raġel ma jkunx qiegħed hemm hekk se tkun li qegħda tassumi responsabbilita .. dawk il-firem huma l-istess.*'

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrileva li minkejja li x-xhieda ta' PL Quentin Tanti moghtija quddiem l-Ewwel Qorti ma gietx traskritta, dan ix-xhud in rapprezentanza tar-Registratur tal-Malta Business Registry baqa' ma xehdx quddiem din il-Qorti stante li fis-seduta tal- 14 ta' Lulju 2020 Dr. Brincat ezentah milli jkun prezenti ghas-seduta li jmiss. Ghalhekk in atti baqghet ma tressqet l-ebda prova dwar il-kumpannija Anni 90 Limited u r-rapprezentanti taghha. Jirrizulta li l-appellanti ma ressqu l-ebda aggravju dwar in-nuqqas ta' prova ta' x'kienet il-pozizzjoni tal-appellanti ma' din il-kumpannija. Filfatt filwaqt li mill-atti jirrizulta li f'xi zmien l-appellant Charles Camilleri kien direttur ta' din il-kumpanija, ma jirrizultax x'kienet il-pozizzjoni ta' Theresa Debono fi hdan il-kumpanija. Ghalkemm hija imnizzla bhala contact f'uhud mit-termination forms fosthom fit-termination form li tinsab a fol 77 u mmarkata bhala JS7 mertu ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk gialadarba ma tressaq l-ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti tqis li ma hemmx kontestazzjoni li l-appellanti kellhom il-kwalita ta' Direttur jew Segretarju jew rapprezentant legali jew manager tal-kumpannija Anni 90 Limited u li ghalhekk ghandhom iwiegbu ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghhom.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti qeghdin permezz tal-aggravju mressaq, jikkontestaw ir-relazzjoni ta' impjieg li allegatament kien hemm bejn Joanna Camilleri[3] illum Azzopardi u l-kumpannija. Il-kwistjoni hija rigwardanti l-fatt li jirrizulta li Joanna Camilleri iffirmat l-engagement form tal-impjieg li beda fl-1 ta' Awwissu 2018 kemm bhala l-*employer* u l-*employee*. Mix-xhieda ta' Joanna Azzopardi ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar dan u tghaddi biex taghti r-ragunijiet taghha ghala ghamlet dan u ffissat l-ammont li kellu jithallas lilha. Jirrizulta li Joanna Azzopardi kienet impjegata mal-kumpannija tlett (3) darbiet u cioe' l-ewwel darba bejn il-15 ta' Frar 1995 fejn bhala professjoni jew sengha tnizzel 'Sales girl' fuq bazi full time skont Dok JS2 a fol 69 sat-3 ta' April 1998 skont Dok JS3 a fol 71 bhala segretarja fuq bazi full time. Sussegwentement kienet impjegata mal-

[3] Xi kultant fl-atti processwali u fir-rikors tal-appell indikata bhala Joanne Camilleri.

kumpannija 'Anni90 Ltd' mill-1 ta' Gunju 2010 skont fol 73 immarkat bhala Dok JS4 bhala part time casual fejn skont din l-online request bhala '*Designation (Job Title)*' tnizzel '*Wife Replacing owner/Husband when not here*'. Dak l-impjieg ta' 'Helper' kien gie tterminat fil-31 ta' Lulju 2018 skont fol 74 immarkata bhala JS5 u bhala raguni ta' terminazzjoni tnizzel '*CHANGES WITHIN THE SAME ORGANISATION: TRANSFER OF BUSINESS*'. Susseegwentement fl-1 ta' Awwissu 2018 skont il-formola li tinsab a fol 75 et sequitur u mmarkata bhala JS6 giet impjegata bhala full-time manager fuq kuntratt definit ma' Anni 90 Ltd. Kif inghad jirrizulta li Joanne Camilleri iffirmat kemm bhala employer u employee bid-designation 'HR. Co. Sec'. Din il-Qorti tinnota li minkejja li fuq din l-engagement form gie indikat li l-kuntratt huwa wiehed definit, ma tnizzlitx id-data sa meta huwa validu dan il-kuntratt. Din il-Qorti tqis li lil hin mill-fatt jekk Joanna Azzopardi agixxietx legalment o meno meta ffirmat tali formola ta' engagement tal-impjieg, trid tqis jekk irrizultax li verament kien hemm relazzjoni ta' impjieg bejnha u l-kumpannija in kwistjoni. Skont it-termination form dan l-impjieg gie terminat fis-7 ta' Dicembru 2018.

Fid-dokument immarkat bhala MC2 a fol 7 et sequitur giet ipprezentata kopja ta' email b'payslips mibghuta minn '*joanne camilleri*' dwar '*Joanne camilleri*' ghal perjodu ta' Awwissu 2018, Settembru 2018, Ottubru 2018 u Novembru 2018. Mix-xhieda ta' Joanna Azzopardi moghtija quddiem din il-Qorti kif preseduta jirrizulta li ma kinitx thallset l-paga ta' Dicembru 2018, vacation leave u bonus. Ikkonfermat li bdiet tiehu paga minn xi Lulju 2018 sa Dicembru 2018. Ghalhekk din il-Qorti tqis li gialadarba Joanna Camilleri illum Azzopardi kienet tinghata paga ghal numru ta' xhur nonostante l-kwistjoni li hija ffirmat l-engagement form tal-impjieg bhala *employer* u *employee*, liema impjieg skont id-dokumentazzjoni prezentata beda mill-1 ta' Awwissu, 2018, ifisser li hija kienet rikonoxxuta bhala impjegata tal-kumpannija. In oltre' ma jirrizultax jekk id-dirigenti tal-Kumpannija hadux azzjoni biex jattakaw tali engagement form u lanqas ma jirrizultax jekk id-dirigenti tal-Kumpannija hadux azzjoni biex jikkontestaw il-hlasijiet ta' pagi

maghmulha lil Joanna Camilleri illum Azzopardi jew Joanne Camilleri kif indikat fil-payslips li jidhru fl-ittra elettronika a fol 7 u 8.

Jirrizulta li fit-termination form ta' dan l-impjieg in kwistjoni immarkata bhala JS7 bhala 'contact' tnizzel 'THERESA DEBONO'. Din tinsab a fol 77 u mmarkata bhala JS7. Git imnizzel li l-impjieg gie terminat fis-7 ta' Dicembru 2018 u r-raguni tal-impjieg tnizzlet bhala 'FORMAL RESIGNATION'. Ghalhekk jirrizulta li kien hemm accettazzjoni li Joanna Camilleri illum Azzopardi kienet impjegata mal-kumpannija.

Il-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi "*impjegat*" bhala '*persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi xogħol jew ħidma għal ħaddieħor, u taħt id-direzzjon u l-kontroll immedjat ta' persuna oħra, u tinkludi ħaddiem ta' barra, iżdateskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali jew bħalakuntrattur għal persuna oħra meta dak ix-xogħol jew servizz majkunx regolat minn kuntratt ta' servizz speċifiku*'. Fir-rikors tal-appell tnizzel li Joanne Camilleri ma kienet tahdem taht hadd u li aktar tidher li kienet kaz ta' 'self-employed'. Joanna Azzopardi quddiem din il-Qorti meta mistoqsija min iffissa l-paga wiegbet '*Jiena*' u qalet '*La ħadd ma kien hemm min jieħu ħsieb, mhux jiena rrid niffissaha.*'

F'ittra elettronika prezentata minn Mary Grace Calleja immarkata bhala MC3 a fol 9 mibghuta minn Joseph Brincat ghalkemm ma jirrizultax jekk din hijiex ittra elettronika kompleta, tnizzel fost affarijiet ohra:

'*Qed nikteb ghan-nom tal-Kumpanija Anni 90 rigward it-talbiet tal-hlas tat-terminazzjoni tal-impjieg. It-tnejn irrizenjaw, flimkien mill-kumpanija u da peress li ghazlu li jiffurmaw partnership (mhux kummercjali) bejniethom. Il-kumpanija Anni 90 hija tal-familja tar-ragel ta' Joanna Camilleri, u Joanna kienet tiehu hsieb waqt li zewghha kien imsiefer, imma hadet hsieb izzejjed, ghax anke hadet hsieb il-floor supervisor.*

*Anni 90 talbet lil Joanna biex tkun u tregga' lural -computer li hadet illegalment, u jaraw fejn hemm min jiehu u min ghandu jaghti.*

...'

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li Joanna Azzopardi kienet 'self-employed' jew li hija kwistjoni ta' servigi f'dak li jirrigwarda x-xoghol li kienet taghmel ma din il-kumpannija kif jallegaw l-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom. In oltre' tqis li jekk id-dirigenti tal-kumpannija kellhom ir-rizervi taghhom dwar l-impjieg in kwistjoni u dwar il-kundizzjoni tal-impjieg inkluz is-salarju, din ma kinitx il-fora li kellhom iqajjmu din il-kwistjoni.

Ikkunsidrat ulterjorament;

L-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom jistaqsu meta kienet it-terminazzjoni tal-impjieg. Li fi kliemhom '*dabbret rasha*' f'Novembru 2018 u tat handover ta' cash li kellha f'idejha u ma resqitx izjed lejn il-post tax-xoghol. Ghalhekk skonthom anke l-allegazzjonijiet ohra li hemm fic-citazzjoni mhumiex precizi u mhux lanqas legali li kellhom jigu akkolti mill-Qorti f'dan il-kaz.

Dwar id-data ta' terminazzjoni, din il-Qorti tqis li l-imputazzjoni tirrigwarda nuqqas ta' hlas ta' paga u bonus staturorju mill-**1 ta' Dicembru 2018 sal-10 ta' Dicembru 2018** u nuqqas ta' hlas ta' vacation leave mhux utilizzat. Mill-istatement of Account mahrug mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u cioe' 'Department of Industrial and Employment Relations' li jinsab a fol 5 bhala data ta' terminazzjoni tal-impjieg tnizzel **'17/12/2018'** ghalkemm il-kwantifikazzjoni ta' dak dovut saret ghal perjodu **bejn l-1 ta' Dicembru 2018 sa l-10 ta' Dicembru 2018**. Din hija ffirmata minn Joanna Camilleri ukoll. Giet prezentata korrispondenza a fol 10 u cioe' ittri elettronici fejn Christine Briffa mid-DIR datata l-24 ta' Jannar 2019 staqsiet lis-Sinjura Camilleri ghal numru ta' informazzjoni fosthom ghal lista ta' sieghat li hadmet bejn l-1/12/2018 u 17/12/2018 u fejn Joanne Camilleri fl-ittra elettronika datata l-25 ta' Jannar, 2019 spjegat

li '*Taken 7 days leave in August shutdown*', '*1 week notice taken from remaining leave*', '*Full time yes but no contract*', '*Working hours Mon to Friday 7am till 3.30pm*

*Sat 7 am till 12 noon.*'

Meta xehdet **Mary Grace Calleja** quddiem din il-Qorti kif preseduta hija spjegat li Joanne Camilleri kienet tahdem ma' Anni 90 Ltd bejn **l-1 ta' Awissu 2018 u s-17 ta' Dicembru 2018** bhala full time manager sakemm tat ir-rizenja taghha. Meta xehdet Joanna Azzopardi quddiem din il-Qorti u giet mistoqsija meta hadmet l-ahhar qalet li minghaliha s-7 ta' Dicembru. Skont it-termination form li tinsab a fol 77 u mmarkata bhala JS7 l-impjieg ta' Joanna Camilleri kien gie tterminat fis-7 ta' Dicembru 2018. Ma jirrizultax jekk din id-data ta' terminazzjoni gietx ikkontestata minn Joanna Azzopardi u ghalhekk din il-Qorti qieghda tqisha bhala l-prova tad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg in kwistjoni. Ghalkemm l-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom jissottomettu li Joanne Camilleri '*dabbret rasha f'Novembru 2018*', kif inghad mit-termination form jirrizulta li d-data ta' terminazzjoni tal-impjieg tnizzlet bhala s-7 ta' Dicembru, 2018. Fil-provi mressqa ma tressqitx spjegazzjoni cara ghala d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u cioe' 'Department of Industrial and Employment Relations' qeghdin jghidu li l-impjieg gie terminat fis-17 ta' Dicembru, 2018 u lanqas ghala kkwantifikaw il-paga u statutory bonus pro-rata mhux imhallas sal-10 ta' Dicembru 2018, meta t-termination form tindika s-7 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti fis-sentenza appellata sabet htija ta' nuqqas ta' hlas ta' paga u bonus statutorju pro-rata ghal perjodu mill-1 ta' Dicembru 2018 sal-10 ta' Dicembru 2018 kif ukoll nuqqas ta' hlas ghal vacation leave akkumulat u mhux utilizzat, izda stante li skont it-termination form jirrizulta li t-terminazzjoni tal-impjieg sehhet fis-7 ta' Dicembru 2018, din il-Qorti filwaqt li sejra tikkonferma s-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda htija ta' nuqqas ta' hlas ta' paga u bonus statutorju mill-1 ta' Dicembru 2018 sejra tirrevoka fejn sabet htija tal-istess sal-10 ta' Dicembru 2018 u minflokk qieghda ssib htija ta' nuqqas ta' hlas ta' paga u bonus statutorju pro-rata ghal perjodu mill-1 ta' Dicembru 2018 sas-7 ta'

Dicembru 2018. Sejra tikkonferma ukoll il-htija ta' nuqqas ta' hlas ta' vacation leave mhux utilizzat.

L-appellanti ma ressqux aggravju dwar il-piena u ghalhekk sejra tikkonferma il-multa imposta ta' erba' mitt ewro (€400) li l-Ewwel Qorti tirreferi ghaliha bhala 'penali/multa' li ghandha tithallas minn kull akkuzat. Il-Qorti kienet anke ordnat lill-appellanti sabiex ihallsu lil Joanne Camilleri s-somma ta' seba' mija, hamsa u sebghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€775.68). Din il-Qorti tqis izda li gialadarba din il-Qorti qieghda tvarja s-sejbien ta' htija kif gia inghad in vista li rrizulta li d-data ta' terminazzjoni tal-impjieg kienet is-7 ta' Dicembru, 2018, din il-Qorti sejra tirrevoka dik l-ordni ghal hlas lil vittma izda minflokk sejra in linea ma' dak deciz permezz ta' din is-sentenza tordna lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u cioe' 'Department of Industrial and Employment Relations' sabiex jergghu jikwantifikaw dak dovut lil Joanna Camilleri illum Azzopardi ghal dak li jirrigwarda pagi u bonus statutorju pro-rata ghal perjodu bejn l-1 ta' Dicembru 2018 u s-7 ta' Dicembru 2018 kif ukoll il-hlas ta' vacation akkumulat u mhux utillizat. L-appellanti ikollhom ghaxart'ijiem cans minn meta jigu notifikati bil-kwantifikazzjoni maghmulha mid-Dipartiment ta' Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali sabiex jaffetwaw il-hlas lil Joanna Camilleri illum Azzopardi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-htija ta' nuqqas ta' hlas ta' paga u bonus statutorju pro-rata mill-1 ta' Dicembru 2018 izda qieghda tirrevoka fejn sabet htija ta' nuqqas ta' hlas ta' paga u bonus statutorju sal-10 ta' Dicembru 2018 u minflokk qieghda ssib htija ta' nuqqas ta' hlas ta' paga u bonus statutorju pro-rata ghal perjodu mill-1 ta' Dicembru 2018 sas-7 ta' Dicembru 2018. Qieghda tikkonferma ukoll il-htija ta' nuqqas ta' hlas ta' vacation leave mhux utilizzat.

Din il-Qorti filwaqt li qieghda tikkonferma l-ordni ghal hlas ta' multa imposta ta' erba' mitt ewro (€400) li ghandha tithallas minn kull akkuzat, qieghda tirrevoka fejn ordnat li

l-imputati jhallsu lil Joanne Camilleri is-somma ta' seba' mija, hamsa u sebghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€775.68).

Din il-Qorti qieghda tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u cioe' 'Department of Industrial and Employment Relations' sabiex jergghu jikwantifikaw dak dovut lil Joanna Camilleri illum Azzopardi kif gia inghad ghal dak li jirrigwarda **pagi u bonus statutorju pro-rata mhux imhallsa ghal perjodu bejn l-1 ta' Dicembru 2018 u s-7 ta' Dicembru 2018 kif ukoll vacation leave akkumulat u mhux utillizat li ma thallas**. L-appellanti ikollhom ghaxart' ijiem cans minn meta jigu notifikati bil-kwantifikazzjoni maghmulha mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u cioe' 'Department of Industrial and Employment Relations' sabiex jaffetwaw il-hlas lil Joanna Camilleri illum Azzopardi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur